**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 11**

**L-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fil-11.06 a.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Kap tal-Kamra, l-Onor. Owen Bonnici, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia, il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

Kien preżenti wkoll id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg.

**MINUTI**

L-Onor. Paula Mifsud Bonnici ġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat illi fil-lista tal-Membri preżenti fil-Minuti tal-aħħar laqgħa, kellha tkun irreġistrata bħala preżenti hi u mhux l-Onor. David Agius. L-Ispeaker ordna li ssir il-korrezzjoni relattiva fil-Minuti.

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 10 li saret fl-10 ta' Ġunju 2024, kif emendati, ġew ikkonfermati.

Il-Kumitat irringrazzja lill-Onor. Owen Bonnici għall-perjodu li matulu serva bħala membru tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra u awgura lill-Onor. Ian Borg għall-karigi l-ġodda ta' Deputat Prim Ministru u Kap tal-Kamra, u għall-ħatra eventwali tiegħu bħala membru tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**XOGĦOL TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia informat lill-Kumitat li għalkemm kien għad m'hemmx konferma tad-data li fih ser jinqara l-Budget 2025 fil-Kamra, il-ħsieb tal-Gvern kien li jressaq is-segwenti abbozzi għad-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari fil-Kamra sa dakinhar, mhux neċessarjament f'din l-ordni:

1. Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali (Abbozz 106);
2. Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Abbozz 108); u
3. Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Abbozz 109).

B’żieda ma’ dawn l-abbozzi kien hemm ukoll żewġ abbozzi li għalkemm sar l-Ewwel Qari tagħhom kienu għadhom mhux ippubblikati:

- Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Mediċini (Mozzjoni 280); u
- Abbozz ta’ Liġi sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (Mozzjoni 277), u

żewġ abbozzi li kien irid isir l-Ewwel Qari tagħhom hekk kif jerġa’ jiltaqa’ l-Parlament wara l-waqfa tas-sajf:

- Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f’Malta (Mozzjoni 287); u
- Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Estradizzjoni (Mozzjoni 288).

**XOGĦOL IEĦOR**

**Kondoljanzi**

Il-Kumitat qabel li l-kondoljanzi fil-Kamra taż-żewġ Eks Membri Parlamentari Dr Joe Brincat u s-Sur Karl Gouder, li ġew neqsin meta l-Parlament kien wieqaf għall-btajjel tas-Sajf, isiru fis-seduti tas-7 ta’ Ottubru u tat-8 ta’ Ottubru rispettivament.

**Budget 2025**

Il-Kumitat qabel li l-arranġamenti li saru fis-snin ta’ qabel dwar biljetti għall-iStrangers’ Gallery u xandir tad-dibattiti japplikaw għal din is-sena wkoll, u ċjoè:

1. il-biljetti għall-iStrangers’ Gallery għall-ewwel tliet seduti tal-budget għandhom jinqasmu ndaqs bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra; u

2. f’dak li għandu x’jaqsam max-xandir:

    a) fis-sala tal-Parlament, b’żieda mal-cameras fissi tal-Parlament, għall-ewwel tliet seduti jkun hemm il-cameras tal-PBS u li l-istess PBS jagħti feed lil kull stazzjon televiżiv li jkun jixtieq ixandar dawn is-seduti;
    b) il-PBS jagħti feed lil kull service provider li jkun jixtieq ixandar dawn is-seduti online;
    c) isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex waqt it-trażmissjonijiet imsemmija, ikun hemm servizz għal persuni neqsin mis-smigħ;
    d) fil-bidu tal-ewwel tliet seduti msemmija aktar ’il fuq, fotografi u cameramen jitħallew jidħlu għall-ewwel ftit minuti, kemm fil-parti tal-Kamra li tiġi wara l-Ispeaker kif ukoll fl-area riżervata għall-media fit-tieni sular; u
    e) fejn jidħlu r-reaction shots mill-PBS ikun hemm tqassim ekwu kemm f’dik li hi alternanza kif ukoll fit-tul ta’ ħin. u li tali shots ma jkunux close-ups fuq xi Membru partikolari iżda jkunu jinkludu Membri oħrajn li jkunu wara l-Membru partikolari.

L-Onor. Robert Cutajar informa lill-Kumitat illi fl-ewweltliet seduti tal-Budget 2025 jista' jkun hemm talba biex jintuża l-foyer tal-Parlament biex issir xi konferenza stampa. L-Onor. Naomi Cachia qalet li ma kienx hemm oġġezzjoni.

**Ombudsplan 2025 u Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-Sena 2025**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi fl-ewwel seduta wara l-waqfa tas-sajf huwa kien ser ikun qed iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Ombudsplan 2025 u l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-Sena 2025 u ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat illi trid tinstab data sabiex dawn l-estimi jkunu diskussi fil-Kumitat qabel ma jgħaddu għall-approvazzjoni tal-Kamra.

**Estimi tas-Servizz Parlamentari għas-Sena 2025**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi fi stadju ulterjuri kien ser iressaq il-Pjan Finanzjarju għas-sena 2025 tas-Servizz Parlamentari għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, li għandhom jiġu diskussi f'laqgħa li għaliha jkun preżenti l-Ministru għall-Finanzi.

*Fil-11.22 a.m. il-Kumitat ġie sospiż għal ftit minuti biex isiru diskussjonijiet in camera u rriżuma fil-11.32 a.m.*

**Użu tal-jum tal-Ħamis skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 87**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li fit-28 ta' Ottubru 2024 jagħlqu d-90 jum li fihom il-Gvern jista' jutilizza l-jum tal-Ħamis skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 87, u allura l-ewwel Ħamis li jista' jintuża mill-Oppożizzjoni kien fil-31 ta' Ottubru 2024, sakemm ma jkunx hemm mozzjoni ta' proċedura inkonessjoni mas-seduti tal-Budget li taffettwa l-ġranet tal-Ħamis.

**Allokazzjoni lill-Gruppi Parlamentari**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi l-Kumitat kellu jiddiskuti l-użu tal-allokazzjoni fl-estimi tas-Servizz Parlamentari ta' Eur 100,000 kull wieħed liż-żewġ gruppi parlamentari.

Il-Kumitat kien sospiż għal ftit minuti sabiex jiddiskuti din il-materja.

**Allowances lill-Membri għal telefonija, internet u posta**

L-Ispeaker fakkar illi f'laqgħa preċedenti huwa kien ressaq għall-konsiderazzjoni proposta sabiex tiġi riveduta s-sistema ta' rifużjoni ta' kontijiet tat-telefonija u d-distribuzzjoni ta' envelopes li l-Membri Parlamentari huma intitolati għalihom, b'mod li din tinbidel għal waħda ta' allowance. L-Ispeaker spjega illi permezz ta' tali proposta s-Servizz Parlamentari jkun jista' jutilizza r-riżorsi tiegħu b'mod aktar effiċjenti.

Fuq talba tal-Onor. Ian Borg l-Ispeaker qabel li sal-laqgħa li jmiss jippreżenta l-proposta mill-ġdid.

**Attivitajiet fil-Parlament**

L-Ispeaker qassam lista ta' attivitajiet li hemm pjanati jsiru fil-Parlament sa tmiem l-2024.

L-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Naomi Cachia talbu li meta jkun hemm attivitajiet fil-Parlament ikunu infurmati jekk għalihom ikunux jistgħu jattendu Membri Parlamentari oħra minbarra dawk li jkunu nominati biex jieħdu sehem b'mod uffiċjali.

Fil-11.50 a.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li kellha tkun komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**